# San Gejtanu fir-raħal ta' Wied il-Għajn

John Micallef

Fit-triq li tagħti għar-Ramla taż-Żejtun Wied il-Għajn, insibu l-unika kappella ddedikata lill-Qaddis tagħna San Gejtanu fil-Gżejjer Maltin.

**Il-kappella ta' San Gejtanu nbniet fis-sena 1657, fi żmien il-Kavallieri ta' Malta u meta l-Qaddis kien għadu Beatu.**
**Kien ċertu Ġorġ Mamo li bena din il-kappella. Dan Ġorġ Mamo kien ukoll sid it-Torri Mamo (Torri ta' l-Għassa), li għadna nsibuh wieqaf ukoll sal-lum ftit il-bogħod mill-kappella. It-torri jinsab f'idejn il-Gvern.**
**Il-familja Mamo kienet familja sinjura tas-Seklu XVII (17), li kellha proprjeta' kbira f'dawn l-inħawi. Din il-kappella minn dejjem kienet popolari mas-sajjieda tal-post. Dak iż-żmien, il-familja Mamo ħalliet benefiċċju f'idejn qassis sabiex isir quddies mill-inqas darbtejn f'sena.**
Fuq blata ta' waħda mit-twieqi ta' din il-kappella, wieħed għadu jara tinqix ta' xini sabih. Ħadd ma jaf kif gie hemm, iżda hemm leġġenda *(Il-Leġġenda tax-Xambekk imnaqqax)*, marbuta ma' dan li minħabba nuqqas ta' spazju, mhux possibli li nirrakkontawha.



L-inħawi tal-Bajja ta' San Tumas fiż-Żejtun, kif ukoll Wied il-Għajn kienu jkunu spiss il-mira tal-pirati Misilmin,li kienu jaħbtu għal missirijietna għall- għarrieda minn żmien għal żmien sabiex jisirqu kull ma jsibu u jkaxkru nies b'saħħithom fl-iskjavitu'.

Il-Beatu Gejtanu spiss kien jiġi msejjah mill-kavallieri ta' l-Ordni sabiex jipproteġi l-Gżejjer tagħna.
Tajjeb li nieqfu ftit u nfakkru li San Gejtanu insibuh fuq l-artali ta' San Pawl tal-Belt Valletta u l-Kattidral ta' l-Imdina fejn narawh għal darb'oħra, flimkien ma' Qaddisin oħra, qed iħares il-Port il-Kbir u l-Gżejjer tagħna. Dawn kollha saru fl-istess epoka ta' l-Ordni ta' San Ġwann u għalhekk kif għedt aktar 'l fuq, Gejtanu kien wieħed mill-Qaddisin li kienu jirrikorru lejh il-Kavallieri għall-ħarsien tiegħu mill-attakki spissi tal-Misilmin.

Il-Kappella li qed insemmu, hija żgħira u tesa madwar ħamsin ruħ. Fl-aħħar gwerra din il-kappella kienet okkupata mill-militar u sarulha xi ħsarat żgħar. Il-kwadru li hemm f'din il-kappella huwa antik ħafna. Il-Qaddis huwa liebes suttana, u huwa mdawwar b'xi anġli. Ma nafux min pitter dan il-kwadru.

Sa ftit snin wara l-aħħar gwerra, kienet għadha ssir il-festa ta' San Gejtanu, nhar is-7 ta' Awwissu. Dun Joe Abela, qassis u storiku miż-Żejtun, meta kien saċerdot żgħażugħ, ġieli kien ikun mistieden sabiex iqaddes f'din il-kappella nhar il-festa ta' San Gejtanu.

Fis-snin tmenin, kienet inbniet kamra ċkejkna fuq il-bejt ta' din il-kappella għal xi qassisin li kienu jridu jgħaddu xi ġurnata maqtugħin għall-kwiet fit-talb. Ġara iżda, li bejn għaliex laħqet għamlet xi ħsara lil istess bini u bejn għaliex kienet tistona mal-bini antik, malajr reġgħu ħattewha.

Din il-kappella taqa taħt il-ħarsien tal-Parroċċa ta' Sant' Anna ta' Marsascala u l-kappillan Dun Martin Micallef.

Kull nhar ta' Sibt fis-7.00pm issir quddiesa minn Mons. Dun Karm Zammit li jiġi apposta miż-Żejtun. Huwa qalli li meta kien abbati kien saħansitra jgħin il-quddies fl-istess kappella !

Tajjeb li wieħed isemmi li fis-seklu XIX (19), il-Gvern Ingliż għadda din il-kappella lill-Kurja, iżda żamm it-Torri Mamo, li eventwalment waqa f'idejn il-Gvern Malti ħafna snin wara.